MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tal-5 ta' Marzu, 2010

Appell Civili Numru. 27/2009

**Andrew Barbara**

**vs**

**P. E. Trading Ltd**

**Il-Qorti,**

Fit-18 ta’ Novembru, 2009, it-Tribunal Industrijali ppronunzja s-segwenti decizjoni fl-ismijiet premessi:-

> “**<u>1. Introduzzjoni</u>**
>
> Dan il-kaz gie intavolat permezz ta' rikors maghmul mill-Avukata Joanne Vella Cuschieri fl-14 ta' Jannar 2009 f’isem Andrew Barbara li qed jallega li gie licenzjat illegalment minn mas-socjeta P. E. Trading Ltd fl-4 ta' Jannar 2009. Is-socjeta, li kienet rapprezentata mis-sur Frank Vella, Direttur, assistit mill-Avukat Kevan Azzopardi u mir-raba'

seduta 'l quddiem mill-Avukat Andrew Borg Cardona, cahdet dan.

Inzammu disa' seduti.

A tenur ta' l-Artikolu 78(1) tal-Kap 452 irid jinghad li minhabba nuqqas infrastrutturali li jrid ihabbat wiccu maghhom it-Tribunal u d-differimenti li ntalbu ma kienx possibbli li l-kaz jinqata' fi zmien xahar kif preskritt mill-istess Kap.

**2. Fatti tal-Kaz**

Ir-rikorrent isostni li huwa gie licenzjat allegatament ghal *redundancy* meta din kienet semplicement skuza biex jitkecca tant hu hekk li x-xoghol li kien jaghmel hu gie assenjat lill-impjegati ohra li gew ingaggati mas-socjeta intimata hafna zmien warajh.

Is-socjeta intimata tirritjeni li mhux veru li impjegat persuni ohra fl-istess kariga li kellu r-rikorrent. Tirritjeni wkoll li l-qaghda finanzjarja taghha kienet wahda prekarja u li fil-fatt kienet offriet lir-rikorrent li jibqa' jahdem bhala *part-timer* u kien hu li ma accettax.

**<u>3. Konsiderazzjonijiet</u>**

F'kazi ta' allegat *redundancy* kwazi dejjem tinqala' l-kwistjoni kienitx din wahda genwina jew xi paraventu biex l-*employer* jehles minn xi persuna li ma jkunx irid izjed mieghu. Hekk qed jinghad ukoll f'dan il-kaz. Allura huwa dover tat-Tribunal Industrijali li jitkixxef kif svolgew l-affarijiet biex ikun jista' jiddecidi b'mod ekwu.

Ir-rikorrent kien persuna fdata, kapaci f'xogholu u kellu karriera ta' sbatax-il sena mal-kumpanija intimata u ta' qabilha. Dejjem qeda' dmiru u ma kienx hemm l-ebda lanjanza kontrih mis-superjuri tieghu. Jghid li minn xi sentejn qabel ma tkecca l-

principal tieghu beda johodlu xi xoghol li kien jaghmel u jtih lil haddiehor. Izda l-paga qatt ma naqqasielu. Biz-zmien hafna mix-xoghol tieghu bdew jaghmluh haddiema ohra li kienu mpjegati hafna warajh.

Mill-banda l-ohra s-socjeta intimata tirritjeni li minhabba fil-posizzjoni finanzjarja taghha li kienet qed tiddeterjora bdiet tnaqqas in-nies. Fil-kaz tar-rikorrent ipproponitlu li jsir *part-time.* Izda huwa rrifjuta. Ghalhekk gie deciz li jigi licenzjat. Thallsulu l-flus kollha dovuti u huwa ffirma rcevuta li kienet tghid "li ma fadalli l-ebda pretensjoni la versu l-kumpanija nnifisha u lanqas fir-rigward tad-Diretturi u s-sidien taghha" (Dok A).

Intqal kemm-il darba mit-Tribunal illi socjeta kummercjali ghandha d-dritt, anzi l-obbligu li tissalvagwarda s-sostenibbilta taghha kemm biex tippreserva l-investiment ta' l-azzjonisti taghha kif ukoll biex tipprotegi kemm jista' jkun l-impiegi li tiggenera. Ghalhekk ma hemm xejn hazin li meta c-cirkostanzi jheddu l-istess ezistenza taghha tiehu dawk il-passi kollha necessarji biex tirriorganizza l-hidma taghha. Sfortunatament dan xi drabi ifisser illi jkollha tillicenzja lil xi hadd u/jew tibdel il-kundizzjonijiet ta' l-impjegati b'mod li l-piz jintrefa' minn numru kbir minnhom. Naturalment jezistu l-ligijiet biex dan isir b'mod ekwu u bl-inqas tbatija possibbli mill-haddiema ta' dik il-kumpanija.

Hekk gara f'dan il-kaz. Ma hemmx dubju li l-posizzjoni finanzjarja tal-kumpanija kienet hazina tant li bejn is-snin 2004 u 2008 il-kumpanija dejjem rregistrat telf hlief ghal sena wahda. Oltre dan id-Direttur u Azzjonista ewlieni Frank Vella kull sena jkollu jsostni l-kumpanija minn fondi personali tieghu. L-awditur kien ukoll ikkwalifika l-kontijiet u talab lil Vella biex jikkapitalizza x-*shareholders loans* li kien qed jaghmel biex il-kumpanija tfendi. Kien hemm il-bzonn li jsir tibdil radikali kif kienet tahdem il-kumpanija biex l-affarijiet jirrangaw.

Prattikament kellha tahdem bil-*part-timers.* Dana kollu xhed dwaru bid-dettal il-konsulent finanzjarju Dr Carmelo Attard li kien hu li ssugerixxa tibdil ta' certi doveri mir-rikorrent ghal haddiehor.[1]

Lit-Tribunal ma jirrizultalux li kienet impjegata persuna ohra *full-time* wara t-tluq tar-rikorrent u certament hadd ma gie mpjegat bit-titolu li kellu hu. Ir-ristorant jidher li qed jahdem bil-*part-timers* kif kien fil-fatt offrut lir-rikorrent u li huwa rrifjuta. Lit-Tribunal ukoll ma jirrizultalux li kien hemm xi pjan biex ir-rikorrent jitnehha. Tant hu hekk li kif intqal gie offrut li jibqa jahdem *part-time.* Kieku kien hemm xi hsieb li jehilsu minnu ma kienux joffrulu li jibqa' jahdem b'sieghat imnaqqsin. Kienu addirittura jghidulu li l-post ta' *Restaurant Manager* se jigi abolit u semplicement jillicenzjawh. Minhabba fis-servizz twil tieghu sata' forsi sar sforz ikbar biex ma jigix licenzjat ir-rikorrent. Izda t-Tribunal ma ghandux il-kompitu li jissostitwixxi d-diskrezzjoni tas-socjeta intimata ghal mod kif dehrilha li ssolvi l-problemi finanzjarji taghha.

It-Tribunal huwa moralment konvint li dan kien kaz genwin ta' *redundancy* li sfortunatament laqtet lil impjegat fidil b'servizz twil propju meta mhux 'il boghod mill-eta ta' rtirar.

**4. Decizjoni**

It-Tribunal Industrijali jiddecidi li l-licenzjament tar-rikorrent Andrew Barbara minn mas-socjeta intimata P. E.Trading Ltd kien ghal raguni ta' *redundancy* u ghalhekk ma kienx ghal raguni ingusta.
B'hekk jintemm dan il-kaz.

**5. Drittijiet**

---

[1] Xhieda ta' Dr Carmelo Attard seduta tas-27 ta' Frar 2009

> Ai termini ta' l-Avviz Legali Numru 48 tal-1986 it-Tribunal jiffissa d-drittijiet ta' min assista lill-partijiet fl-ammont ta' €93.17 kull wiehed."

Il-kontestazzjonijiet tar-rikorrenti Andrew Barbara fil-konfront ta' din is-sentenza huma essenzjalment dawn:-

(1) Jezistu ksur tad-dritt ta' smigh xieraq in kwantu t-Tribunal ma pprovdiex motivazzjoni adegwata, anke ghaliex dan skarta b'mod assolut il-provi mressqa minnu u injora wkoll il-provi dokumentali esebiti;

(2) It-Tribunal iddecieda punt ta' ligi b'mod errat meta ddikjara li l-kumpanija setghet legalment taghzel li flok ma timpjega lilu *full time*, taghzel li thaddem *part-timers;*

Jirrizulta mill-atti illi l-appellanti kien ghal diversi snin impjegat *full time* mal-kumpanija appellata fil-mansjoni ta' *waiter* u/jew *restaurant manager*. Dan sakemm gie lilu terminat l-impjieg fl-4 ta' Jannar, 2009 fuq bazi ta' *redundancy*. L-appellanti ma accettax li din kienet raguni valida ghal-licenzjament tieghu u adixxa lit-Tribunal Industrijali biex dan jiddetermina illi t-tkeccija tieghu kienet wahda ingusta;

Jibda biex jigi osservat b'introduzzjoni illi kawza gusta ta' licenzjament bhala kwalifika guridika tista' tkun wahda mmotivata minn raguni ta' *redundancy*. Tali specifikazzjoni tinsab fil-parametru normattiv ta' l-Artikolu 36 (3) ta' l-Att dwar l-Impjiegi u Relazzjonijiet Industrijali. Jekk fiha nfisha dik l-ispecifikazzjoni hi ta' natura guridika, eppure, imbaghad, l-accertament fil-konkret tar-rikorrenza tar-*redundancy* u ta' l-element li jintegrawha bhala kawza gusta ta' terminazzjoni ta' impjieg hi oggett ta' gudizzju ta' fatt u, in kwantu tali, insindakabbli minn din il-Qorti fil-limitu ristrett ta' l-Artikolu 82 (3) ta' l-Att jekk, s'intendi, jinstab li dak il-gudizzju hu sew sorrett minn motivazzjoni

adegwata u fir-rispett tal-principji maghrufa tal-ligi fuq il-materja;

Issa l-ligi fl-Att imsemmi ma tiddefenix il-kelma *redundancy*, izda, imbaghad il-gurisprudenza tfisser il-portata ta' din il-kelma ghal kaz fejn jinsab li l-impjieg ma jibqax aktar mehtieg "*based upon the operational requirements of the undertaking*." Ara "**John Muscat *et* -vs- Gordon Monro *nomine***", Prim' Awla, Qorti Civili, 20 ta' April, 1977. F'aktar dettal kien gie ghal din precedentement spjegat fl-Arbitragg bejn il-"**Hotels, Restaurants, Tobacco and Allied Trades Section of the General Workers Union and Messrs. A. Buttigieg Ltd (Luqa Airport Buffett**", Award No. 55, 18 ta' Novembru, 1970 illi "*redundant just means surplus, unecessary*", purke wkoll "*a genuine happening*". Fiha ssokta jinghad illi "*whether such redundancy becomes due to a reduction of staff or personnel consequent to a shortage of work or demand for the firm's product or services, or to the introduction of inventions or improved machinery or automation, or even the successful streamlinging of procedures or re-organisation, as contended by Management in this case, would appear to be immaterial, so long as there is tangible and reliable evidence of a serious reason for rendering an employee redundant*". Ara wkoll is-sentenza ta' din il-Qorti kif presjeduta fl-ismijiet "**Victoria Spiteri -vs- St. Catherine's High School**", 18 ta' Ottubru, 2006;

Jinzel mis-silta riprodotta, fil-hsieb tal-Qorti, illi meta l-kawza gusta tal-licenzjament tkun ghal xi raguni inerenti ghall-attivita` produttiva ta' azjenda jew ta' kumpanija, mhux ghall-gudikant li jissindika l-ghazla tal-kriterji ta' kif jitmexxew l-affarijiet fl-azjenda jew fil-kumpanija in kwantu l-liberalita` ta' l-inizzjattiva hi mhollija f'min ihaddem. Minn naha l-ohra, is-sustanza reali tal-motiv adottat tar-*redundancy* minn min ihaddem hu hekk kontrollabbli mill-gudikant in bazi ghall-apprezzament tal-provi. Apprezzament dan, li kif diga rilevat, jekk hu wiehed

assistit minn motivazzjoni koerenti u kompleta jibqa’ mhux censurabbli minn din il-Qorti;

B’dan in mira l-Qorti ezaminat l-atti probatorji u hi tal-ferma konvinzjoni illi t-Tribunal sewwa apprezza l-fatti u korrettement iddecieda li l-kaz kien jipprezenta ruhu bhala wiehed genwin ta’ *redundancy.* Din il-fehma fil-Qorti hi msahha minn dawn il-konsiderazzjonijiet brevi:-

1. Fil-kumpless il-provi juru illi l-posizzjoni finanzjarja tal-kumpanija mill-gestjoni taz-zewg ristoranti ma kienet xejn felici tant li kellhom jittiehdu mizuri biex jigi kontrollat l-infiq tax-xiri tal-prodotti, jigi sostitwit il-generu ta’ l-ikel servut minn wiehed “*a la carte*” ghal dak ta’ “*buffett*”, jitnaqqsu l-*man hours* ta’ l-impjegati, ukoll billi dawk li kienu *full time* jigu offruti xoghol *part time* u jigi introdott maniggjar ahjar bl-iskop li sid tal-kumpanija ma jkomplix jissusidja minn fondi proprji lill-istess kumpanija li ghal snin (2004 – 2008, nehhi s-sena 2006 li fiha tmexxiet mill-konsulent finanzjarju Dr Carmelo Attard) irregistrat telf ekonomiku ta’ certa rilevanza;

2. F’din il-qaghda, kif taraha l-Qorti, kien jaghmel sens illi l-kumpanija tirriorganizza ruhha skond l-esigenzi organizzattivi dettati lilha f’dak il-mument storiku, basta dejjem li kull decizjoni taghha ssir, kif fil-fatt saret, konformi ghall-oghla principju ta’ dik il-bwona fede fir-rapport tax-xoghol ma’ l-impjegati ohra. Dan qed jinghad ghaliex ukoll f’dik is-sitwazzjoni dizagjata li kienet tinsab fiha l-kumpanija appellata ma jidherx li naqset milli toffri lill-impjegati taghha li kienu *full time* l-opportunita` li jissoktaw fl-impjieg anke jekk fuq bazi *part time* u f’mansjoni bejn wiehed u iehor ekwivalenti ghal dak li kellhom precedentement, fil-waqt ta’ l-assunzjoni jew skond dik l-ahhar zvolta. Jekk l-appellanti ma ghazelx, bhal fil-kaz ta’ impjegati ohra, li jaccetta din il-proposizzjoni [ara xhieda ta’ Dr. Carmelo Attard (fol. 38 *et sequitur*) u ta’ Frank Vella (fol. 116)], din kienet decizjoni tieghu, izda zgur li ma kellux jigi interpretat illi l-qaghda li waslet ghar-*redundancy*, u konsegwentement ghat-terminazzjoni ta’ l-impjieg minhabba dik l-inaccettazzjoni

tieghu, kienet biss mera skuzanti biex tigi agevolata mpjegata ohra;

3. Fiz-zgur l-appellanti ma jistax jippretendi illi d-decizjoni moghtija mit-Tribunal giet hekk raggunta in bazi ghal motivazzjoni irregolari jew deficjenti. Ghall-kuntrarju, fil-hsieb tal-Qorti, il-motivazzjoni hi wahda logika u koerenti ma' l-elementi ta' provi utilizzati u sufficjentement adegwata biex wiehed jikkontrolla l-kriterju logiku segwit mit-Tribunal. Gja nghad drabi ohra minn din il-Qorti f'bosta decizjonijiet taghha illi valutazzjoni li ssir minn qorti jew minn tribunal ma hi qatt limitata ghall-ezami izolat ta' l-elementi singoli imma ghandha ssir b'mod globali fil-kwadru ta' indagini unitarja u organika. Imbaghad, ukoll, ma hemmx ghalfejn jigi ripetut illi fil-kritika ta' dik l-istess valutazzjoni mhux accettabbli illi l-appellanti jirrikorri ghal certi provi parzjali – f'dan il-kaz dawk prodotti minnu – bl-iskop uniku li ghas-sintesi komplessiva tat-Tribunal jissostitwixxi r-ri-elaborazzjoni personali tieghu u b'hekk jikkontrapponi l-valutazzjoni proprja. Hu anzi sew logiku, sew guridiku illi hu kellu jgib 'il quddiem l-inkongruwenza u l-illogicita tal-motivazzjoni fuq l-istregwa dejjem tal-kumpless tal-provi u dan, l-appellanti, f'dan il-kaz ma ghamlux, jew, almenu, naqas li jaghmlu ghall-konvinciment divers taghha;

Din il-Qorti iddilungat forsi aktar milli dovut fl-ezami ta' l-aspett fattwali tal-materja, konsiderat il-limitu strett ghal liema hu konsentit lilha appell minn sentenza tat-Tribunal adit. Xtaqet turi pero illi l-gravami ta' l-appellanti, ukoll fir-riflessjoni tal-fatti ezaminati, ma jistghux jigu ezawditi ghax mhux fondati. Fic-cirkostanzi l-Qorti ma ssib ebda raguni biex tiddiskosta ruhha mill-konkluzjoni raggunta fis-sentenza appellata.

Ghal motivi kollha su-esposti din il-Qorti qed tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata tat-Tribunal Industrijali, bl-ispejjez kontra l-appellanti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------